# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 28 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 32.**
**Citazz. Nru. 2615/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**Vs**

**Felix SALIBA**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenut Felix Saliba;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Felix Saliba fl-ammont ta' elf u tmienja u erbghin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1,048.67) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konve nut Felix Saliba mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Ili l-konvenut Felix Saliba gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 29 t'Awissu, 2000 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "B" sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut Felix Saliba jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmienja u erbghin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1,048.67) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut Felix Saliba mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 t'Awissu, 2000 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonjijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut Felix Saliba jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tmienja u erbghin liri maltin u sebgha u sittin centezmu

(Lm1,048.67) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut Felix Saliba mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 t'Awissu 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**28 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar,2001.**